# KUNSILL LOKALI ĦAL GĦARGĦUR

**Triq San Nikola, Ħal Għargħur GHR 1162**
**Tel : 2141 4111 Fax : 2141 2626 Mobile : 7941 4111**
**Email : gharghur.lc@gov.mt Website : www.gharghur.gov.mt**


***Minuti tat-tlieta u sebghin laqgha tal-Hames Kunsill Lokali li nzammet fl-Ufficcju Amministrattiv tal-Kunsill nhar it-Tlieta 2 ta'Marzu 2010 fis-6:00 p.m.***

| ***Prezenti*** | ***Membri*** |
|---|---|
| **Sindku** | Mario Gauci |
| **Vici Sindku** | Mark Azzopardi |
| **Kunsillieri** | Pio Fenech |
| | Michael Mifsud |
| | Alfred Muscat |
| **Agent Segretarju Ezekuttiv** | Fabian Mizzi |

**1 Talba**

**1.1** Il-laqgha bdiet fis-6.10 p.m. billi intqalet it-talba.

**2 Approvazzjoni tal-Minuti tal-Laqgha Nru 72**

**2.1** Is-Sindku staqsa jekk xi hadd xtaqx jipproponi xi emendi fil-minuti ta' l-ahhar laqgha tal-Kunsill. Peress li ma kienx hemm emendi dawn gew approvati unanimament u iffirmati.

**3 Punti mtella' mill-minuti**

**3.1** ***Para 4.1 – Torri tas-Semaforu**:* L-Agent S.E. informa li konna ghadna qed nistennew sabiex jinhareg il-*Compliance Certificate*.

**3.2** ***Para 4.2 – Kuntratt Gbir ta' l-Iskart**:* Is-Sindku nforma li wara li kellu tahdidiet ma' ufficcjali mid-Dipt. Ghall-Gvern Lokali kif ukoll ma Sindki ohra, jidher li kull min hareg sejha gdida ghall-offerti kellu zieda fl-ammont mitlub. Fic-cirkostanzi gie unanimameent deciz li hekk kif nircievu xi risposti li konna qed nistennew rigward id-distanzi stipulati fl-offerti kif ukoll il-parametri taz-zieda fil-prezz tal-*fuel*, il-Kunsill jipprocedi u jghati l-offerta lil kuntrattur li l-offerta tieghu hi l-aktar wahda vantaggjuza jigifieri ta' Alexander Fenech, Euro Clean Waste Services. L-Agent S.E. gie unanimament awtorizzat li hekk kif jircievi l-informazzjoni imsemmija johrog il-*Letter of Acceptance* filwaqt li s-Sindku u l-Agent S.E. gew awtorizzati sabiex jiffirmaw il-kuntratt il-gdid f'isem il-Kunsill Lokali.

**3.3** ***Para 4.3 – Devoluzzjoni Xelter:*** Is-S.E. informa li d-Dipt. ta' l-Artijiet issa kien qed jitloq li jsir *survey* tax-xelter. Gie unanimament deciz li jitqabbad il-Perit Hector Zammit sabiex jaghmel dan ix-xoghol. Gie deciz ukoll li ghandna nippruvaw ingibu ufficcjali tad-Dipt. ta' l-Artijiet dakinhar li jkun ser isir is-*survey* sabiex ma jkollniex bzonn noqghodu nifthu x-xelter darbtejn bi spejjez zejda.

**3.4** ***Para 4.5 – Bankina Triq 31 ta' Marzu:*** Is-Sindku nforma li peress li l-haddiema tad-Dipt. tad-Distretti bhalissa jinsabu mpenjati fuq xoghlijiet ohra, x-xoghol fuq din il-

**Triq San Nikola, Ħal Għargħur GHR 1162**
**Tel : 2141 4111 Fax : 2141 2626 Mobile : 7941 4111**
**Email : gharghur.lc@gov.mt Website : www.gharghur.gov.mt**

bankina ghandu jsir aktar il-quddiem.

**3.5** ***Para 4.7 – Master Antenna:*** Is-Sindku informa li konna ksibna konferma bil-miktub mid-Dipt. tas-Sahha li skond ir-rapport imhejji mill-MCA, il-livell ta' radjazzjoni mhux ta' periklu ghas-sahha tar-residenti. Fic-cirkustanzi gie unanimament deciz li ma jsir xejn aktar.

**3.6** ***Para 4.11 – Skema ta' Finanzjament ta' Proġetti Speċjali f'Lokalitajiet Żgħar*****:** L-Agent S.E. informa li l-applikazzjoni taghna kienet intbghatet fil-hin.

**3.7** ***Para 4.15 – Laqgha tal-Lokalita'*****: –** L-Agent S.E. informa li l-*Works Order* sabiex isiru l-*Parking Bays* fil-parti ta' fuq ta' Triq San Gwann kienet intbghatet lill-Koptasin.

**3.8** ***Para 6.1 – Approvazzjoni Budget 2010:*** **–** Is-Sindku spjega li l-kopja tal-Budget li kienet intbghatet lill-Kunsillieri aktar kmieni din il-gimgha kienet tirrifletti z-zieda li kien hemm fil-kuntratt tal-Gbir ta' l-Iskart. Din il-verzjoni giet approvata unanimament u l-Agent S.E. intalab sabiex jibghat kopja tal-Budget kif emendat lid-Dipt. ghall-Gvern Lokali.

**3.9** ***Para 8.4 – Memo 32/2010:*** L-Agent S.E. informa li konna applikajna ghal ghajnuna inkonnessjoni mal-Festival tal-Halib li ser jinzamm fil-21 ta' Marzu 2010.

**3.10** ***Para 9.1 – Laqgha Pulizija tad-Distrett*** **:** Is-Sindku informa lil dawk prezenti li l-laqgha ma' l-Ispettur Bernard Spiteri kienet saret kif ippjanat u kienu gew diskussi fost l-ohrajn l-attivitajiet tal-Gimgha l-Kbira fir-rahal kif ukoll il-Festival tal-Halib li ser isir fil-21 ta' Marzu.

***Il-Kunsillier M. Mifsud inghaqad mal-Kunsill fis-6:40 p.m.***

**3.11** ***Para 9.2 – Zjara tal-Papa:*** Fuq suggeriment tal-Kunsillier A. Muscat, gie unanimament deciz li ghandu jigi ordnat *banner* bil-kliem :- ***'Hal-Gharghur - 400 Sena Parrocca 1610 – 2010. Kunsill Lokali'.*** Ser nippruvaw inwahhlu dan il-*banner* fil-bidu ta' Triq Santa Katerina meta jkun ghaddej il-Papa u wara dan jehel fil-bidu ta' Triq San Gwann. L-Agent S.E. intalab jikseb l-istimi sabiex isir dan il-*banner*.

**3.12** ***Para 9.5 – Laqgha Bitmac (Works) Ltd :*** Is-Sindku nforma li l-laqgha kienet saret kif ippjanat u filwaqt li l-Kunsill baqa jinsisti fuq l-oggezzjonijiet tieghu, il-kuntrattur kien qabel li jirrevedi l-ammont mitlub ghat-tindif tat-triq mid-*debris*. Sadanittant kienet thallset is-somma ta' € 59,812 lill-Bitmac (Works) Ltd. Dan kollu gie unanimament approvat.

**3.13** ***Para 9.6 – Haddiema mal-Kunsill :*** Is-Sindku nforma li wara l-ahhar laqgha, l-Agent S.E. kien kellem lit-3 haddiema *attached* mal-Kunsill u spjegalhom l-importanza li jzommu mal-hin taghhom kif ukoll li waqt dan il-hin jaghmlu x-xoghol assenjat lilhom. Huwa qal ukoll li konna ktibna lid-Dipt. ghall-Gvern Lokali sabiex jassenja haddiem iehor ta' l-IPSL gewwa r-rahal peress li originarjament kellna tnejn imma wiehed kien gie trasferit ghal lokalita' ohra fuq talba tieghu stess.

KUNSILL LOKALI ĦAL GĦARGĦUR

Triq San Nikola, Ħal Għargħur GHR 1162
Tel : 2141 4111 Fax : 2141 2626 Mobile : 7941 4111
Email : gharghur.lc@gov.mt Website : www.gharghur.gov.mt

**3.14** ***Para 9.7 – Gemellagg Giarratana :*** L-Agent S.E. informa li kien ghadu jrid jiltaqa mal-Vici Sindku sabiex jiddiskutu din il-materja aktar fid-dettal.

**3.15** ***Para 9.8 – Stampar tal-Fuljett tal-Kunsill :***L-Agent S.E. informa li l-*Letter of Acceptance* lil Print Right Ltd. kienet inharget kif approvat fl-ahhar laqgha.

**3.16** ***Para 9.9 – Rapport SEAP :*** L-Agent S.E. informa li huwa flimkien mal-Kunsillier M. Mifsud kienu evalwaw l-offerti li konna rcivejna. Huwa spjega li qabel ma tigi moghtija l-offerta jkun ahjar li niksbu konferma minghand il-kuntratturi li (1) l-ammont mitlub minnhom ikopri l-ispejjez kollha, (2) li r-rapport finali ser jigi sottomess lill-Kunsill Lokali sa mhux aktar tard mill-25 ta' Mejju 2010 u (3) li l-hlas mill-Kunsill Lokali isir meta jitlesta r-rapport. L-Agent S.E. u s-Sindku gew unanimament awtorizzati mill-Kunsill sabiex wara li nircievu l-konferma imsemmija jaghmlu evalwazzjoni u rakkomandazzjoni ghall-kunsiderazzjoni tal-Kunsillieri. L-Agent S.E. gie unanimament awtorizzat sabiex johrog il-*Letter of Acceptance* lil kuntrattur li jigi maghzul mill-maggoranza tal-Kunsillieri.

**3.17** ***Para 9.10 – Kwotazzjoni Wi-Fi :*** Gie unanimament deciz li ghandha ssir laqgha ma' ufficjali minn GO p.l.c. sabiex jigi spjegat lilna aktar fid-dettal il-kontenut tal-kwotazzjoni taghhom.

**3.18** ***Para 9.11 – Festival tal-Halib :*** Is-Sindku spjega li l-MRRA kienu accettaw l-offerta tal-Banda San Bartilmew sabiex jippartecipaw f'din l-attivita. Huwa qal ukoll li fuq inizjattiva tal-Kunsillier A. Muscat, il-Kunsill kien ser jiehu hsieb jarma *stand* fil-Pjazza bid-diversi pubblikazzjonijiet li kellu kif ukoll sabiex tinwera l-hidma li wettaq il-Kunsill matul is-snin u l-progetti li gew ippjanati. Gie unanimament deciz li ghandna nressqu t-talba tal-Kumitat ta' l-Armar ghall-kiri ta' l-arbli ghall-bandalori lill-MRRA kif ukoll dwar l-ispejjez ghall-ftuh tat-Torri tas-Semaforu. Gie unanimament approvat ukoll li ssir modifika fil-hadida li izzomm il-bandalori billi din tinbidel ghal wahda ta' l-*aluminium* u dan ghall-prezz ta' madwar €500. Finalment gie deciz li issir laqgha ohra ma l-MRRA fil-gimgha ta' qabel ma issir l-attivita' sabiex nikkonfermaw li kollox hu ippreparat.

## 4 Approvazzjoni ta' Pagamenti Pendenti

**4.1** L-Agent S.E. ipprezenta l-iskeda ta' pagamenti pendenti li kienet tinkludi l-kontijiet li waslu fl-ufficcju tal-Kunsill sad-data ta' meta kienet giet ippublikata l-Agenda. Dawn kollha gew approvati unanimament.

**4.2** L-agent S.E. ipprezenta l-lista ta' l-infieq li sar mill-*Petty Cash* matul Jannar 2010 u din giet approvata unanimament.

## 5 Ilmenti u Suggerimenti

**5.1** Ilment dwar kelb li jkun jiggerra fi Triq Fidiel Zarb. L-Agent S.E. informa li dwar dan l-ilment kien diga sar rapport lill-Pulizija tad-Distrett li min-naha taghhom kienu nfurmawna li kienu ser jittiehdu l-passi kollha skond il-ligi.

**5.2** Talba sabiex issir *zebra crossing* fi Triq San Gwann. Gie nnotat li ftit metri l-fuq diga hemm *zebra crossing* ohra u ghalhekk il-Kunsill unanimament ma qabilx ma din it-talba.

**5.3** Talba sabiex statwa li hemm fi Triq il-Gdida fi Triq Dimitriju Farrugia titressaq minhabba xoghlijiet fl-inhawi. Gie innotat li din l-istatwa hija wahda privata u ghalhekk din it-talba ghandha tigi riferuta lil-sid din l-istatwa.

**5.4** Ilment dwar is-servizz tal-karozzi tal-linja fuq ir-rotta 56. L-Agent S.E. informa li dan l-ilment kien diga gie riferut lill-TM ghall-kummenti u azzjoni min-naha taghhom.

**8 Korrispondenza**

**8.1** Korrispondenza varja li rcivejna mill-ahhar laqgha sa llum minghand il-MEPA dwar zviluppi fil-lokalita'.

Din il-korrispondenza giet innotata u gie deciz li l-Kunsill joggezzjona ghall-applikazzjoni 2488/09 peress li l-izvilupp propost huwa barra miz-zona tal-bini.

**8.2** Memo 36/2010 mid-Dipt. ghall-Gvern Lokali dwar Kuntratti Moghtija Mill-Kunsilli Lokali fl-2009.

Din il-korrispondenza giet innotata.

**8.3** Memo 37/2010 mid-Dipt. ghall-Gvern Lokali dwar Konferenza Internazzjonali Dwar il-Gemellaggi.

Din il-korrispondenza giet innotata.

**8.4** Memo 38/2010 mid-Dipt. ghall-Gvern Lokali dwar Zjara tal-Q.T. l-Papa Benedittu XVI f'Malta fis-17 u t-18 ta' April 2010.

Din il-korrispondenza giet innotata

**8.5** Korrispondenza minghand l-MCA dwar il-possibilita' li jsiru laqghat gewwa l-ufficccju tal-Kunsill dwar it-televizjoni digitali.

Din il-korrispondenza giet innotata u gie unanimament deciz li l-Kunsill jilqa din it-talba.

**8.6** Korrispondenza minghand l-AKLM dwar l-iffirmar tal-Patt tas-Sindki li ser issir fl-4 ta' Mejju 2010 gewwa Brussels.

Din il-korrispondenza giet innotata u s-Sindku kkonferma l-attendenza tieghu f'isem il-Kunsill.

**8.7** Korrispondenza minghand is-CMRU fi hdan il-Korp Tal-Pulizija tinfurmana li t-talba taghna sabiex il-banda tal-Pulizija tippartecipa f'attivitá organizzata mill-Banda San Bartilmew f'Lulju 2010 ma kienitx giet milquha.

Din il-korrispondenza giet innotata.

**8.8** Korrispondenza minghand is-Sirens ASC dwar lezzjonijiet ta' l-ghawm ghat-tfal. Gie unanimament deciz li l-Kunsill ghandu jesplora l-possibilita li jipprovdi t-trasport jekk ikun hemm interess ghal dawn il-lezzjonijiet. Gie deciz li jinhargu l-avviz u decizjoni finali tittiehed f'laqgha ohra wara li inkunu nafu kemm applikaw.

**8.9** Korrispondenza minghand it-Taqsima Zghazagh fi hdan il-Ministeru ta' l-Edukazzjoni sabiex il-Kunsill jippromwovi ir-registrar ta' dawk iz-zghazagh li jkunu nteressati li jkunu fost dawk li ser jiltaqghu mal-QT il-Papa gewwa l-Valletta Waterfront.

Din il-korrispondenza giet innotata u t-talba giet milqugha.

**8.10** Korrispondenza minghand it-TCTC dwar *Business Breakfast* li ser jigi organizzat fis-6 ta' Marzu dwar *eCouncils*.

Din il-korrispondenza giet innotata u l-Kunsillier A. Muscat informa li kien ser jattendi.

**9 Materji Ohra u Mistoqsijiet**

**9.1** Gew ipprezentati l-kwotazzjonijiet li konna gibna ghax-xiri ta' zebgha ghas-sinjali tat-traffiku u gie unanimament deciz li din tibda tinxtara minghand Sigma Coatings (Malta) Ltd. peress li z-zebgha l-bajda li hija l-aktar wahda li tintuza hija l-orhos.

**9.2** Gie unanimament deciz li l-Kunsill jiffirma kuntratt ma' Green MT dwar il-gbir ta' skart riciklat kemm permezz tal-*Bring-in Site* kif ukoll permezz tal-borza l-griza kull nhar ta' Tlieta peress li l-offerta taghhom giet meqjusa bhala l-aktar wahda vantaggjuza.

**9.3** Is-Sindku nforma li l-KKT kien qabel li ghall-Festival tal-Halib jipprovdi s-servizz ta' zewg Gwardjani Lokali. L-Agent S.E. intalab jaghmel talba formali bid-dettalji lill-KKT.

**9.4** Is-Sindku ta dettalji tal-Laqgha tas-Sindki li nzammet fi tmiem il-gimgha li ghaddiet li matulha gew diskussi fost l-ohrajn :

- ✓ L-azzjoni li behsieba tittiehed kontra l-WSC wara li dawn ta' l-ahhar ma baqghux ihallsu ghar-*reinstatement* wara xoghlijiet taghhom.
- ✓ Id-decizjoni li ma jigux accettati hlasijiet ta kontravenzjonijiet mahruga mill-MEPA qabel din taghti lill-Kunsilli Lokali l-ammonti dovuti lilhom.
- ✓ Il-partecipazzjoni tal-Kunsilli Lokali fl-ECAD..
- ✓ Il-hsieb li l-AKLM tibda tipprovdi skema ta' assikurazzjoni - *Public Liability*.
- ✓ Ir-regjuni ser jibdew jiffunzjonaw mill-1 t'April 2010 u li l-ewwel delegi li ser ikollhom ser ikunu dawk tal-bozoz u tal-Gwardjani Lokali.

**9.5** Is-Sindku fakkar li t-Tlieta 16 ta' Marzu kienu ser jinfethu d-diversi offerti wara s-sejha li l-Kunsill kien hareg u li kien importanti li flimkien ma' l-Agent S.E. ikun

**Triq San Nikola, Ħal Għargħur GHR 1162**
**Tel : 2141 4111 Fax : 2141 2626 Mobile : 7941 4111**
**Email : gharghur.lc@gov.mt Website : www.gharghur.gov.mt**

hawn ta' l-inqas zewg Kunsillieri ohra.

**9.6** Gie unanimament deciz li l-Kunsill jigbed l-attenzjoni ta' l-ghaqdiet tar-rahal specjalment tal-Kumitat tan-Nar u ta Dwal Godda dwar il-bzonn li jingieb il-permess tal-Kunsill kull meta jkunu ser jaghmlu xi *billboards* jew *banners* gewwa l-lokalita' u dan sabiex ikunu konformi mal-*Bye Laws* li kienu saru dwar ir-reklamar fit-toroq.

**10 Aggornament**

**10.1** Il-laqgha giet aggornata fid-9:00 p.m. wara li l-*items* fuq l-Agenda gew ezawriti u gie deciz li laqgha ohra ssir nhar it-Tlieta 23 ta' Marzu 2010 fis-6:00 p.m.

| | | |
|---|---|---|
| **Mario Gauci** | **Fabian Mizzi** | **23 ta' Marzu 2010** |
| **Sindku** | **Agent Segretarju Ezekuttiv** | **Data** |